

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-1 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-575/08) <sup>(1)</sup>

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/56/KE — Mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata — Nontraspożizzjoni fit-terminu previst)**

(2009/C 282/27)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Peere u P. Dejmek, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentant: D. Haven, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata (ĠU L 310, p. 1)

**Dispożittiv**

- (1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata, ir-Renju tal-Belġju naqqas mill-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.
- (2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 44, 21.02.2009

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-6 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-6/09) <sup>(1)</sup>

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/60/KE — Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)**

(2009/C 282/28)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Peere u P. Dejmek, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentant: D. Haven, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jieħu jew jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji kollha sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, p. 15).

**Dispożittiv**

- (1) Billi ma ħax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, ir-Renju tal-Belġju naqqas mill-obbligi tiegħu skont din id-direttiva.
- (2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 21.03.2009

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-24 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-8/09) <sup>(1)</sup>

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/17/KE — Rekwiżiti tekniċi relatati mad-donazzjoni, il-ksib u l-kontroll ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)**

(2009/C 282/29)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: C. Cattabriga u J. Sénéchal, aġenti]

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju [rappreżentant: D. Haven, aġent]

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/17/KE tat-8 ta' Frar 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti rekwiżiti tekniċi relatati mad-donazzjoni, il-ksib u l-kontroll ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem (ĠU L 38, p. 40)

**Dispożittiv**

(1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/17/KE tat-8 ta' Frar 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti rekwiżiti tekniċi relatati mad-donazzjoni, il-ksib u l-kontroll ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem, u f'kull każ, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

(2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 69, 21.03.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-22 ta' Settembru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-9/09) (<sup>1</sup>)

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Saħħa pubblika — Direttiva 2004/23/KE — Iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)*

(2009/C 282/30)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u J. Sénéchal, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentant: D. Haven, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta jew jinnotifika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem (ĠU L 102, p. 48)

**Dispożittiv**

(1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, iproċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

(2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 69, 21.03.2009.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-1 ta' Ottubru 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka**

(Kawża C-100/09) (<sup>1</sup>)

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2007/14/KE — Regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)*

(2009/C 282/31)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Jelínek u P. Dejmek, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentant: M. Smolek, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE, tat-8 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x' jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat (ĠU L 69, p.27)

**Dispożittiv**

(1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE, tat-8 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x' jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, ir-Repubblika Ċeka naqset milli ttwettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 24 ta' din id-direttiva.

(2) Ir-Repubblika Ċeka hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 113, 16.05.2009